MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 38/2010

**Vincenza Zammit f'isimha u bhala mandatarja ta' ohtha Carmen Muscat mart Anthony Muscat, Mary Galea mart Peter Galea, Anthony Zammit sew propju kif ukoll bhala mandatarju ta' huh Rev. Fr. Patrick Joseph Zammit, ilkoll eredi ta' missierhom Carmelo Zammit**

**vs**

**Merchants International Limited (C5382)**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi permezz ta' dan ir-rikors, is-socjeta' ritrattanti qieghda titlob umilment u bir-rispett ir-ritrattazzjoni tas-sentenza moghtija minn dan il-Bord nhar l-14 ta' Ottubru, 2009, fl-ismijiet Vincenza Zammit f'isimha u bhala mandatarja ta' ohtha Carmen Muscat mart Anthony Muscat, Mary Galea

mart Peter Galea, Anthony Zammit sew proprju kif ukoll bhala mandatarju ta' huh Rev. Fr. Patrick Joseph Zammit, lkoll eredi ta' missierhom Carmelo Zammit vs Merchants International Limited (C5382), fejn is-socjeta' konvenuta giet ordnata tizgombra mill-fond 30, Old Theatre Street, Valletta, u li l-atturi jinghataw lura l-pussess tal-istess fond imsemmi, bl-ispejjez kontra r-ritrattanti;

Illi s-socjeta' ritrattanti qieghda tipprezenta dan ir-rikors a tenur tal-Artikolu 811 (a) u (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, peress illi s-sentenza hawn fuq attakkata ttiehdet b'qerq mill-atturi bi hsara tas-socjeta' esponenti u in subsidium peress li l-avviz tal-kawza qatt ma gie notifikat lis-socjeta' esponenti hekk kif titlob il-Ligi;

Illi fl-ewwel lok, is-socjeta' ritrattanti qieghda tinterponi dan l-umili rikors ghar-ritrattazzjoni peress illi l-atturi kisbu sentenza favur taghhom bl-ezercizzju ta' qerq u b'difett procedurali fit-tqassim tan-notifika lis-socjeta' esponenti, u dan stante li hadd mir-rapprezentanti tas-socjeta' esponenti ma gie notifikat bl-atti tal-kawza;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suesponet, is-socjeta' esponenti umilment u bir-rispett tissottometti illi hija ma gietx debitament notifikata kif mitlub mill-Ligi u ghalhekk ma kenitx f'possibilita' illi tidher ghas-seduti tal-kawza fl-ismijiet premessi u tipprezenta r-risposta u eccezzjonijiet taghha. Inoltre, minkejja li s-socjeta' esponenti ma gietx notifikata kif inhu rikjest, il-kawza xorta nstemghet u nqatghet minghajr il-prezenza tas-socjeta' esponenti;

Illi r-ritrattanti lanqas ma kienet fil-kapacita' li tinterponi appell mis-sentenza su citata u dan ghaliex saret a konoxxenza tas-socjeta' esponenti ferm wara li kien ghalaq it-terminu preskritt fejn seta' jigi pprezentat rikors t'appell, meta gie mwahhal il-mandat ta' zgumbrament mal-faccata tal-fond 30, Old Theatre Street, Valletta;

Illi l-fatti li taw lok ghal dan ir-rikors huma s-segwenti:

a. Illi permezz tar-rikors 82/2006/GG, fl-ismijiet sucitati, l-atturi intavolaw rikors fejn talbu lil dan l-

Onorabbli Bord sabiex jigu awtorizzati jirriprendu l-pussess tal-fond 30, Old Theatre Street, Valletta filwaqt li jordna l-izgumbrament tal-esponenti mill-istess fond, bl-ispejjez kontra s-socjeta' ritrattanti;

b. Illi wara li gie pprezentat dan ir-rikors, is-socjeta' esponenti ma gietx innotifikata b'mod xieraq u validu u dan ghaliex il-procedura kif kontemplata fl-Artikolu 187(5) tal-Kap 12 ma gietx segwita fl-interezza taghha stante illi ma saritx il-pubblikazzjoni kif tassattivament mitlub mill-ligi f'gurnal ta' kuljum;

c. Illi s-socjeta' esponenti saret effettivament taf bil-kawza u l-ezitu taghha meta nstab il-mandat ta' zgumbrament bin-numru 1957/2009 mwahhal mal-fond 30, Old Theatre Street, Valletta, sabiex is-socjeta' ritrattanti tigi zgumbrata mill-fond imsemmi;

d. Illi ghalhekk meta s-socjeta' esponenti giet mgharrfa bil-proceduri kien diga' skada t-terminu tal-appell, u ghalhekk qieghda tintuza din il-procedura straordinarja u qieghed jigi interpost dan ir-rikors ta' ritrattazzjoni.

Ghaldaqstant, is-socjeta' ritrattanti qieghda umilment titlob lil dan il-Bord sabiex joghgbu;

i. Jiddikjara illi a bazi tal-premess, jezistu ragunijiet validi ghar-ritrattazzjoni skont kif tikkontempla l-Ligi a tenur tal-Artikolu 811 (a) u (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii. Thassar, tannulla, tirrexxindi u tirrevoka s-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet Vincenza Zammit f'isimha u bhala mandatarja ta' ohtha Carmen Muscat mart Anthony Muscat, Mary Galea mart Peter Galea, Anthony Zammit sew propju kif ukoll bhala mandatarju ta' huh Rev. Fr. Patrick Joseph Zammit, ilkoll eredi ta' missierhom Carmelo Zammit vs Merchants International Limited (C5382);

iii. Tordna s-smiegh mill-gdid tal-kawza hawn fuq imsemmija.

Bl-ispejjez u b'rizerva ta' kull azzjoni fil-Ligi.

Ra wkoll ir-risposta li tghid hekk:

Illi l-bazi tar-ritrattazzjoni hija invertiera u fi kwalsiasi kaz is-sentenza in kwistjoni kienet gusta u xierqa u skond il-ligi fis-sustanza;

Illi n-notifika tal-intimati saret wara diversi tentattivi bl-intimati jippruvaw jeludu b'kull mod it-tentattivi skond il-ligi, saret skond ir-regoli tal-procedura u kienet wahda valida; inoltre kieku l-intimat kien qieghed izomm il-hanut miftuh kif kien obbligat li jaghmel u li kienet wahda mir-ragunijiet ghat-tehid lura tal-fond kienet tkun l-aktar haga facili biex wiehed jinnotifika lilu fil-hanut tieghu. Haga lampanti ghalhekk hija l-vjolazzjoni tal-obbligu li jzomm l-fond miftuh li waslet ghad-diffikultajiet fin-notifika mhux biss tar-rikors promutur imma tal-atti kollha ta' din il-kawza inkluz tal-mandat ta' zgumbrament; inoltre mhux minnu li l-intimati saru jafu biss issa billi ilhom konsapevoli tal-atti li saru kontrihom mir-rikorrenti u agixxew biss meta l-mandat ta' zgumbrament wasal biex jigi esegwit u ma nkomodawx ruhhom qabel jiehdu xi azzjoni. Anke illum is-socjeta' konvenuta ghandha arretrati kbar ta' kera u ghalkemm proecediet b'dan il-mezz lanqas indenjat tiddepozita jew toffri dawk l-arretrati ta' kera lir-rikorrenti. L-intimati ddekadew min din l-azzjoni ghaliex kienu jafu bil-proceduri u ilhom jafu b'dan il-proceduri minn zmien ilu.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidra:

Illi dan huwa rikors b'talba sabiex tkun ordnata r-ritrattazzjoni ta' kawza quddiem dan l-istess Bord fl-ismijiet inversi numru 82/2006/GG apparentement deciz

minn dan il-Bord kif presedut. Is-socjeta’ ritrattandi qed tistrieh fuq il-provvediment tal-artikolu 811(a) u (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jigifieri li s-sentenza attakata kienet ottenuta b’qerq ta’ wahda mill-partijiet kif ukoll minhabba li l-atti ma kienux notifikati lill-parti telliefa;

Kif ripetutament tenut mill-Qrati taghna, l-procedura ta’ ritrattazzjoni hija wahda straordinarja u konsegwentement suggetta ghal regoli stretti hafna. Issa fil-kaz odjern, s-socjeta’ ritrattandi qed tilmenta bil-prattika ta’ qerq tal-parti vincenti, jigifieri sid il-kera tal-fond in mertu, fl-otteniment tas-sentenza favur taghha. Fl-istess waqt, l-istess socjeta’ tinvoka ukoll difett fil-procedura adoperata fil-kawza originali stante li qatt ma kienet segwita l-procedura ravvizata fl-artikolu 187(5) tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta billi ma kinitx saret il-publikazzjoni f’gurnal ta’ kuljum ghan-notifika taghha. L-ewwel aggravju huwa ta’ natura serja hafna ghaliex jista’ jkollu konsegwenzi li jmorru l’ hinn minn ordni ta’ ritrattazzjoni. Jibda biex jinghad izda illi bhal f’kull kawza ohra, *ei incumbit probation qui dicit non ei qui negat*. U b’din ir-regola fil-mira, dan il-Bord jista’ minghajr ebda ezitazzjoni jikkonkludi anke f’dan l-istadju bikri tal-konsiderazzjonijiet, illi s-socejta’ ritrattandi ma resqet l-ebda prova dwar l-allegazzjonijiet taghha. Dan il-Bord mhux f’qaghda jaghmel konsiderazzjonijiet oltre din la darba s-socjeta’ ritrattandi la qatt talbet li jkunu allegati l-atti tal-kawza originali u lanqas resqet xhieda jew produciet dokumenti in sostenn tal-istess;

Illi ghalhekk s-socjeta’ ritrattandi naqset gravement milli tissostanzja dak minnha allegat u konsegwentement dan il-Bord ma jistghax jilqa’ t-talba taghha;

Ghal dawn il-mottivi, l-Bord qed jichad it-talba bl-ispejjez kontra s-socjeta’ ritrattandi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------